# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sebgħa (7) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 24 t' April 2013, fil-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.
2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kien hemm konkorrenza sabiħa mal-ġenituri rigward il-kors taċ-ċiklizmu/għawm [ref punt nr. 3.1]. Qal illi għandhom iħallsu lis-sur Muscat illi se jieħu ħsieb dan il-kors. Dan se jsir kull nhar ta' Sibt bejn 4-6pm u ftit attivitajiet se jsiru barra mir-raħal. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu x'jaqsam biss fejn ingħata permess biex jintuza l-proprjeta [grawnd] tal-Kunsill għal ċerti attivitajiet, kif ukoll biex jirreklama dwar il-kors lit-tfal tar-raħal. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi reġgħu qaċċtu x-xibka tal-grawnd. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa li nagħmlu xibka tal-art tal-konkos. Il-Kunsill se jaħseb fuq dan is-suġġeriment.

3.2 Is-Sindku qal illi s-Sindku taż-Żurrieq nesa l-appuntament tagħhom, fejn hu mar ippreparat bil-pjanta mmarkata/kitba dwar il-konfini mid-Dipartiment [ref punt 3.4]. Il-Kunsill irċieva emajl mill-Malta Tourism Authority illi xtaqu jkunu jafu jekk il-Kunsill hux lest jibda jsaqqi l-area tal-Ħlantun fejn qed isir il-proġett tal-MTA. Is-Segretarju Eżekuttiv qara emajl mibgħut mid-DLG fejn qalu li l-area taqa fil-konfini tagħna. Il-kunsilliera qalu wkoll illi l-Kunsill taż-Żurrieq ftit li xejn għamlu manutenzjoni rigward toroq/ħaxix fl-area avolja qegħdin jgħidu li tagħmel parti mill-konfini tagħhom. Is-Sindku qal illi kien mar jiltaqa mas-Sindku taż-Żurrieq biex jara min se jieħu ħsieb dan ix-xogħol, izda peress illi ma ġiex għal laqgħa s-Sindku taż-Żurrieq għadu ma jafx min se jieħu ħsieb illi jsir dan ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa li l-Kunsilli rispettitivi jagħmlu dan ix-xogħol xahar, xahar, izda ma kienx hemm qbil mill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll illi fil-laqgħa tagħhom kellu jiġi diskuss il-katakombi [ref punt 3.5] izda ovjament dan ma setax isir.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pulizija ġew il-Kunsill minħabba l-ilmenti li ġew mibgħuta ftit ilu fuq il-maħżen ta' triq San Tumas [ref punt 3.6]. Huma qalu li biex isir azzjoni, individwu/i għandhom jixħdu fil-qorti. Qal ukoll illi l-pulizija pprovdu l-provi li dawn kellhom il-permessi neċessarji biex jagħmlu x-xogħol illi qed isir. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi xorta jemmen illi għandna nagħmlu postijiet tal-parkeġġ sal-BIS waqt illi s-Sindku issuġerixxa illi nagħmlu residents parking f'parti mit-triq. Il-Kunsill idiskuta l-proposta tas-Sindku.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ il-kwotazzjonijiet tal-awdjo-visual li l-Kunsill irċieva. Dawn kienu minn Daystar, Branding Prestige, Flash Productions u The Brothers Limited. Avolja ma inħarġitx tender is-Segretarju talab jekk xi kunsillier għandu relazzjonijiet familjari ma dawk li bagħtu kwotazzjoni, fejn kollha rrispondew fin-negativ. Il-Kunsill ħa d-deċizjoni u għazel is-servizz ta' The Brothers Limited għax huma kienu izjed ċari fl-ispeċifikazzjonijiet li kien talab il-Kunsill. Dan il-proġett se jiswa €4012 [VAT inkluz]. Avolja kien hemm kwotazzjoni irħas, il-Kunsill ra *shortcomings* fl-ispeċifikazzjonijiet [ma kienx hemm miktub illi se jsir bl-HD jew illi jagħtu copyright lil Kunsill].

3.5 Is-Sindku qal illi l-għada tal-laqgħa se jsir ix-xogħol meħtieġ fuq il-bandli [ref punt nru. 3.14] jekk it-temp jippermetti.

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk inxtraw ic-CCTV's kollha [ref punt 3.16]. Is-Sindku qal illi xtrajna waħda u kienet fil-PAS.

3.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi t-tfal kollha ħadu pjaċir fl-isports day ta' Jum Ħal Safi [ref punt nru 6.1]. Qal ukoll illi jemmen illi l-Kunsill għandu jagħti rikonoxximent lis-sur Jonathan Balzan u s-sinjorina Cherise Attard għas-suċċessi rispettitivi fil-weekend qabel il-laqgħa [is-sur Balzan ġie fit-28 post fil-maratona ta' Londra u s-sinjorina Attard rebħet kompetizzjoni nazzjonali tal-kant]. Is-Sindku qal illi s-sinjorina Attard tiġi minhu u għalhekk se jħalli d-deċiżjoni f'idejn il-bqija tal-kunsilliera. Kollha qablu. Is-Sindku qal illi dawn jieħdu l-premijiet f'Jum Ħal Safi 2014.

3.8 Is-Sindku qal illi l-Arċisqof ġej fit-22 ta' Mejju fis-7.30pm [ref punt 9.2]. Il-kor, Każin, Partit Politiċi, il-Kunsill u l-kumitat ta' Safi F.C huma mistednin.

3.9 Is-Sindku kkonferma li rċevejna permess biex nagħmlu parti minn triq Rqajja (il-parti d-dejqa c/w triq San Ġwann) 'one way' [ref punt 9.4] wara mistoqsija mill-Viċi Sindku Johan Mula. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol ser ssir malajr biex nevitaw il-perikli. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan ix-xogħol għandu ssir malajr u li huwa ta' importanza ikbar mix-xogħol illi qed isir fuq il-ħitan tas-sejjieħ illi qegħdin jaħdmu fuqha l-ħaddiema.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tal-Head Kowċ Omar Schembri fejn ikkonferma li mhux se jkompli fil-kariga tiegħu bħala Head Kowċ fl-istaġun li jmiss. Kiteb biex il-Kunsill jikkonsidra min se jieħu postu. Is-Sindku qal illi se jitkellem miegħu u li ma jixtieqx jaċċetta r-rizenja tiegħu. Il-kunsillier Carlo Stivala jemmen illi ħa d-deċiżjoni peress illi naqsu l-ammont tat-tfal fin-nursery. Is-Sindku qal illi hemm raġunijiet oħra u li se jidħol hu izjed fejn jidħol sport fil-lokal.

4.2 Il-Kunsill irċeiva emajl mill-Kunsill ta' Żurrieq li għamlu talba biex tiġi magħluqa triq illi tagħmlu parti mill-konfini tagħna. Is-Sindku qal illi jekk MEPA jagħtu dan il-permess aħna ntuhom il-'go ahead' bil-patt illi meta tiġi biex tinbena l-plot il-MEPA tħallas għall-ispejjez kollha li l-Kunsill għamel fl-area.

4.3 Il-Kunsill qabel illi għandhom isiru 'talks' rigward 'breast cancer awareness' fis-sala tal-Kunsill wara li rċieva emajl mill-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali li xehrdu l-aħbar ta' dawn it-talks minn nies professjonali.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għal informazzjoni rigward il-ħlas ta €14 li kien dovut lil persuna li għamel 6 loads tal-ġebel għall-ħitan tas-sejjieħ. Dan kiteb 6 loads @ €14 fejn fil-fatt il-Kunsill kellu jħallas €14/ load [total ta'€84]. Is-Sindku qal ukoll illi dan kellu jerġa jibgħat il-kont għax il-VAT ma kienx inkluz f'dak preċedenti. Għal dawn ir-raġunijiet dan il-ħlas mhux se jsir sakemm nerġgħu nirċievu l-kont mingħandu.

5.2 Il-kunsilliera qablu mal-PAS u ffirmaw il-PAS tal-laqgħa preċedenti.

**Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fil-5.15pm mal-wasla tar-residenti li ġew għal-laqgħa tal-Lokalita.**

**6. Laqgħa tal-Lokalita**

6.1 Is-Sindku qara r-Rapport Amministrattiv 2012 li se jidher fuq is-sit tal-Kunsill. Wara dan il-Kunsill ta l-opportunita lir-residenti preżenti biex jagħtu s-suġġerimenti/ilmenti tagħhom.

6.2 Is-sur Tarċisju Barbara staqsa fejn wasalna bil-kameras. Is-Sindku qal illi xtrajna kamera u fi ftit xhur oħra se nixtru oħra. Qal illi dawn jiswew €1500 kull waħda u għalhekk il-Kunsill mhux se jixtrihom kollha f'daqqa.

6.3 Is-sur Tarċisju Barbara faħħar il-Kunsill għad-deċiżjoni biex tibda Kumitat tal-Edukazzjoni u Kultura. Żied illi jemmen illi għandna nagħmlu lapida ġo post pubbliku u niktbu l-ismijiet tar-rebbieħa kollha tal-Premju Onoreficenza. Din l-ideja intogħġbot mill-Kunsill.

6.4 Is-sur Tarċisju Barbara lmenta li qegħdin jgħaddu wisq vetturi minn triq San Pawl issa li reġgħet fetħet 'two way'. Is-Sindku qal illi kienet ingħalqet biex nevitaw it-traffiku meta sar ix-xogħol f'Valletta Road [Żurrieq] u li l-Kunsill minn dejjem kellu jerġa jiftaħ it-triq meta tlesta dan ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ngħalqet it-triq wara diversi lmenti minn residenti u illi wara li tlesta x-xogħol kien hemm oppozizzjoni li nħallu t-triq magħluqa, kif ukoll kelna l-oppozizzjoni minn naħa ta' Transport Malta. Kien qal ukoll illi meta kien Sindku hu xtaq jiftaħ it-triq għar-residenti biss imma dan ma setax isir.

6.5 Is-sur Tarċisju Barbara talab għal update rigward triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi hem dewmien fix-xogħol u li Transport Malta sabet kull skuża li qed jikontribwixxi għal dan id-dewmien. Qal ukoll illi talab biex jiltaqa mal Ministru tat-trasport rigward it-triq.

6.6 Is-sur Barbara qal illi l-parti ta' triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat li tidjieq qed izid il-periklu. Il-kunsilliera qalu li dik il-parti tat-triq tagħmel parti mill-lokalita ta' Ħal Kirkop. Is-sur Barbara staqsa wkoll dwar il-possibilita li nħawlu s-siġar fil-ħamrija fl-istess triq. Is-Sindku qal illi jekk isir hekk inkunu qegħdin nagħmlu l-ħsara t-triq. Qal ukoll li suppost tħawlu fjuri kif kienu proponew fil-pjanti tat-triq.

6.7 Is-sur Barbara lmenta li hemm min qed jipparkja fuq linji sofor f'triq l-Iskola u jagħmlu ħafna storbju għall-inkonvenjenza ta' dawk ir-residenti li jgħixu hemm. Ried ikun jaf għala ma jiġux wardens. Is-Sindku qal illi l-problema teżisti għax hemm min jieqaf biex juza l-ATM u għal dan ir-raġuni qal illi jixtieq jagħmel l-ATM f'post ieħor li hu maħsub. Żied illi l-Kunsill qed jistenna għal fondi ewropej għal bini ta dan il-proġett. Qal ukoll illi l-wardens ma jaqawx f'idejna u għalhekk ma nistgħux nibagħtuhom hemm aħna.

6.8 Is-sur Barbara għamel rikwest sabiex [dejjem jekk hem il-fondi] il-Kunsill jiftaħ dar tal-anzjani. Is-Sindku qal illi diġa ħaseb fuq dan il-proġett u li fit-12 ta' Mejju se jiltaqa ma persuna li jista jressaq dan il-pjan, u pjanijiet oħra.

6.9 Is-sur Barbara talab għal izjed informazzjoni rigward il-festa tal-agrikultura li għanda ssir fir-raħal fil-15 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi għandna promoter illi qed jieħu ħsieb dan il-proġett imma sfortunatament il-Kunsill ħa €2000 biss [fejn talab għal €10,000] u għalhekk għandna nirrevedu l-pjanijiet tagħna. F'dak il-ħin il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk se ssir biss jekk nirċievu izjed l-fondi. Is-Sindku qal illi se ssir zgur.

6.10 Is-sur Joseph Barber staqsa jekk l-attivita se ssir kull sena. Is-Sinku qal illi dawn huma il-pjani tiegħu.

6.11 Is-sinjura Marvic Sciberras talbet li nagħmlu tabella f'triq San Tumas biex nuru li l-parti t'isfel huwa "one-way". Il-kunsilliera qalu li diġa għamilna tabella imma wara jumejn kien hemm min neħħija minn posta. Il-Kunsill qal illi mhux se joħroġ spejjez jekk in-nies se jagħmlu dawn l-azzjonijiet fuq il-

proprjeta tagħna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa illi niftemu ma' sid ta' dar hemmhekk biex nagħmlu t-tabella mal-ħajt tiegħu. Is-Sindku qabel, dejjem jekk dan il-persuna jaċċetta r-rikwest tagħna.

6.12 Is-sinjura Marvic Sciberras qalet illi sar xogħol fit-triq il-Karwija u ma kien hemm wardens preżenti. Il-kunsilliera qalu li kien hemm wardens jumejn wara li bdew ix-xogħol.

6.13 Is-sur Michael Bonello lmenta fuq is-sitwazzjoni ta' triq San Ġorġ fejn hemm min qed iħalli miżbla fit-triq. Is-Sindku qal illi talab lil xi residenti biex jagħmel CCTV fuq bejt ta' xi ħadd izda ħadd m'aċċetta. Qal illi ma nistgħux nippuntaw subajna fuq min qed jħali l-ħmieġ mingħajr konferma. Is-Sindku qal ukoll illi pulizija jew green wardens biss jistgħu jieħdu azzjoni fuq individwi li jħamġu. Għalhekk is-sur Bonello ssuġerixxa li jkun hemm pulizija preżenti nhar ta' Tlieta biex jara li hemm min qed iħali l-boroz is-suwed minflok dawk tir-riċeklaġġ.

6.14 Is-sur Joseph Barber staqsa dwar il-bankijiet ta' Misraħ San Ġużepp. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġabarhom meta xi persuna/i rresponsabbli qalahom minn posthom aktar minn darba. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi flimkien mal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kien resaq mozzjoni. Is-sur Barber qal illi għandna nagħmlu kamera fil-Misraħ.

6.15 Is-sur Barber talab illi jsiru bins fejn il-bus stops. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat konna rċevejna lmenti rigward il-ħmieġ/riħat minħaba l-bins illi kienu fejn l-istops. Is-Sindku kien qal illi konna għamilna bins zgħar imma saru atti vandli fuqhom.

6.16 Is-sur Barber issuġerixxa li ssir restawr fuq it-telephone box fejn l-għassa tal-pulizija. Qal ukoll illi t-telephone box fejn il-ġnien qegħda mkissra. Is-Sindku qal illi issa nibagħtu l-ilment lil TeleMalta. Rigward il-kaxxa fejn l-għassa qal li l-Kunsill kien talab għal fondi biex isir book box hemm [fejn il-kaxxa tintuza bħala 'librerija' fejn wieħed jista jħalli u jieħu l-kotba]. Rigward il-ġnien, is-Sindku qal illi għandu l-ħsieb illi ssir restawr tagħha u li nagħmlu kiosk fin-nofs.

6.17 Is-sur Barber staqsa jekk il-Kunsill se jagħmel xi ħaġa rigward il-festa fejn Ħal Kirkop iddeċidew li jiċelebraw il-festa ma' tagħna. Is-sur Barber, flimkien mass-Segretarju tal-Kazin Mark Busuttil illi wkoll kien preżenti, ilmentaw illi xejn m'hu qed isir mill-Kappillan biex nevitaw illi l-festi jaħbtu ma' xulxin u lmentaw fuq id-deċiżjoni ta' Ħal Kirkop. Is-sur Tarċisju Barbara ma qabilx magħhom meta qalu li l-Kappillan m'hu qed jiprova jagħmel xejn rigward dan u zied ukoll illi hemm ir-regoli tal-Kurja u għandna nobduhom. Is-Sinku qal illi kien tkellem mal-Kappillan u li flimkien ma' rapreżentant tal-Każin

kienu bagħtu ittra lil Monsinjur Gouder. Ir-risposta ta' din l-ittra waslet għand il-Kappillan biss u s-Segretarju lmenta li l-Kappillan ma riedx jagħtih kopja u qalu biss illi jista jmur għandu u jaqrah. Fuq is-sitwazzjoni, is-Sindku qal illi għandna naraw mal-Isqof, meta jiġi r-raħal lejn l-aħħar ta' Mejju, biex din ma terġax isir fil-futur, izda qal illi din is-sena għandna noqogħu mad-deċiżjoni għax issa tard wisq illi xi ħadd jieħu azzjoni.
Is-sur Barber ilmenta li ta' Ħal Kirkop qegħdin jagħmluha apposta u jibza li issa ż-Żurrieq se jibdew jagħmlu l-istess. Flimkien mas-sur Mark Busuttil, jemmen illi hekk se joqtlu l-festa tagħna, waqt illi se jkabbru l-perikli waqt il-festi. Is-sur Mark Busuttil qal illi għandna nagħmlu petizzjoni. Is-Sindku qal illi individwi għandhom jiffirmaw il-petizzjoni. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandhom jaħdmu id f'id mal-Kappillan. Kulħadd qabel illi issa d-deċiżjoni qegħda f'idejn il-kurja.

6.18 Is-sur Mark Busuttil staqsa jekk il-Kunsill lest jagħmel il-globi li kellhom isiru fuq iż-żuntier. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xtaqu jagħmlu tnejn ġodda imma ma kienux parti mill-proġett u għalhekk sar id-dawl fl-art minflok. Is-Sindku qal illi dak propjeta tal-knisja u mhux il-Kunsill kellu jagħmilhom.

6.19 Is-sinjorina Cettina Callus qalet illi kien hemm pots bil-fjuri f'triq Santa Marija li issa mhumiex hemm. Is-Sindku qal illi dawn ġew vandalizzati.

6.20 Is-sinjorina Callus talbet għal update rigward iċ-Child Care Centre. Is-Sindku qal illi dan huwa proġett tal-leġislatura preċedenti u li issa ħareġ il-permess imma m'hemmx fondi u l-anqas kienet ġiet esproprijata l-art li fuqha hemm il-permessi.

6.21 Is-sinjorina Callus talbet għall-informazzjoni rigward il-possibilita li ssir night shelter fir-raħal. Is-Sindku qal illi fit-12 ta' Mejju se jiltaqa u jitkellem mal Ministru konċernat rigward dan il-proġett u proġetti oħra.

6.22 Is-sinjorina Callus talbet illi jsiru naqra fjuri mar-roundabout il-ġdid tal-Karwija. Is-Sindku qal illi l-Gvern Ċentrali kien wegħdna l-fjuri izda l-fjuri ma sarux. Fil-pjanti hemm sistema ta' drip irigation u ma saritx ukoll.

**Fis-7.30pm ma tmiem il Q and A s-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti għall-intervenji tagħhom. Huma rringrazzjaw il-Kunsill għal ħin, u għax-xogħol kontinwu li qed isir għal ġid tar-raħal, u telqu mill-kamra tas-seduti. Tkompliet il-laqgħa.**

**7. Attivita tal-Iskola**

7.1 Is-Sindku qal illi se ssir inizjattiva tal-iskola [Green College Day] fejn it-tfal tal-iskola se jmorru jnaddfu triq il-Ħlantun. Dan se jsir nhar il-Ħamis 25 t'April [l-għada tal-laqgħa].

**8. Attivita tan-Nursery**

8.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-plejer Timotiċ ta' Tarxien Rainbows se jagħti training session nhar il-Ħadd 28 t'April.

**9. Ħwejjeġ oħra**

9.1 Is-Sindku qal illi għandna problema mal-attivita tal-1 ta' Mejju fejn ċiklisti se jagħmlu tellieqa mar-raħal. Is-Sindku qal illi konna tajna l-permess li ssir għax il-kunsillier Carlo Stivala kien qal illi m'hemmx għalfejn nagħlqu toroq. L-organizzatur qal illi kien imperattiv illi nagħlqu t-toroq. Il-kunsillier kollha qablu li se jkun hemm it-tgergir. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ħadd mill-Kumitat ma kien qal lis-sur Muscat illi t-tellieqa tista ssir mingħajr ma nagħqlu toroq. Hu qal illi xorta tista ssir mingħajr ma nagħlqu toroq u zied illi se jkun hemm 250 ċiklista. Is-Sindku u s-Segretarju se jiltaqaw mas-sur Muscat biex jaraw x'alternattivi hemm rigward ir-rotta l-għada tal-laqgħa.

9.2 Il-Viċi Sindku qal illi fejn il-post tan-nar hemm żewġ arbli tad-dawl li ma jixegħlux. Is-Sindku qal illi se jmur jiċċekjahom

9.3 Fi-8.15pm, wara tlett siegħat mill-bidu tal-laqgħa [bil-laqgħa tal-Lokalita mhux inkluz], il-Kunsill temm il-laqgħa u l-affarijiet li kienu għad baqgħu fil-ħwejjeġ oħra se jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss

**10 Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fit-8 ta' Mejju 2013 fit-3pm. Il-kunsilliera qablu fuq il-ħin.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |